MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 285/2005/1

**Mario u Marthese konjugi Xuereb**

**v.**

**Middlesea Insurance p.l.c**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Marzu, 2005 l-atturi ppremettew illi huma l-proprjetarji tal-vettura tal-marka Peugeot 806 bin-numru tar-registrazzjoni DAD-272 liema vettura hija koperta b'polza ta' assigurazzjoni 'Third Party Fire & Theft' mas-socjeta` assgurattiva konvenuta; illi nhar it-30 ta' April,

2000 din il-vettura tal-atturi nsterqet; illi wara dan l-akkadut, l-atturi ghamlu d-debita *claim* mas-socjeta` assigurattiva [recte: assiguratrici] konvenuta; illi s-socjeta` assigurattiva konvenuta qieghda tirrifjuta minghajr ebda raguni valida fil-ligi illi tonora l-obbligi taghha a bazi tal-polza tal-assigurazzjoni li hemm illi tkopri lill-vettura tal-atturi u tikkumpensa lill-atturi a bazi tal-istess polza; illi ghalkemm is-socjeta` assigurattiva konvenuta giet debitament interpellata mill-atturi din baqghet inadempjenti.

Dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li hija thoss li tkun opportuna fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-atturi huma koperti permezz tal-polza hawn fuq indikata; u

2. tiddikjara illi l-polza tal-assigurazzjoni in dizamina hija assolutament valida *ai fini* u effetti kollha tal-ligi; u

3. tiddikjara illi s-socjeta` assigurattiva konvenuta ghandha l-obbligu illi thallas lill-atturi a bazi tal-istess polza tal-assigurazzjoni; u

4. tiffissa l-valur u dan a bazi tat-termini stabbiliti fl-istess polza assigurattiva; u

5. tikkundanna lis-socjeta` assigurattiva konvenuta thallas lill-atturi l-valur hekk iffissat *ai fini* tar-raba' talba.

Bl-ispejjez, bl-imghax skond il-ligi u rapprezentanti tas-socjeta` assigurattiva konvenuta minn issa ngunti ghas-subizzjoni.
B'nota pprezentata fit-22 ta' April, 2005 (fol. 9) is-socjeta` konvenuta eccepiet:

1. Illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni *de quo* huwa null u minghajr effett u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante illi l-atturi ma zvelawx fatti materjali a riskju tal-kuntratt tal-assigurazzjoni.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegata serqa ghandha tigi ppruvata.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont indikat bhala valur tal-vettura allegatament misruqa huwa esagerat u ma jirriflettix il-valur reali tal-istess vettura.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-28 ta’ Marzu, 2008 billi laqghet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u konsegwentement cahdet *in toto* t-talbiet attrici bl-ispejjez ghall-atturi. Dik il-Qorti ppronunzjat ruhha hekk wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

**“Fatti**

“Illi l-atturi huma proprjetarji tal-vettura tal-marka Peugeot 806 bin-numru ta’ registrazzjoni DAD 272 liema vettura giet allegatament misruqa fit-30 ta’ April 2000 u li sussegwentement instabet imqatta’ f’bicciet fl-inhawi ta’ Hal-Far. L-atturi kienu ghamlu *claim* ma’ l-assigurazzjoni, liema *claim* ma gietx accettata peress li kien hemm proceduri kriminali pendenti kontra terza persuna rigwardanti l-istess vettura.

**“Provi**

“L-atturi xehdu li kienu sabu l-vettura taghhom nieqsa minn fejn kienu hallewha pparkjata fil-Belt Valletta fit-30 ta’ April 2000 u sussegwentement ghamlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta. Wara ghamlu *claim* ma’ l-*insurance* pero` baqghu ma thallsux minhabba li l-assigurazzjoni qaltilhom li kien hemm proceduri kriminali pendenti kontra terzi. In kontro-ezami l-attur xehed li bhala negozju kien jimporta *parts* tal-karozzi minn Franza ghal karozzi Francizi. Huwa stqarr illi lil certu Brian Vella

hu ma kienx jafu u li hu ma kienx tressaq il-Qorti fuq dan il-kaz pero` kien tela' bhala xhud fil-kaz ta' Brian Vella.

“John Bonnici, rapprezentant ta' Bonnici Insurance Agency, xehed li l-attur kien ghamel il-*claim* pero` min-naha tal-principali taghhom cioe` s-socjeta` konvenuta dawn kienu nfurmawh li kienu se jistennew l-ezitu ta' proceduri kriminali qabel jaghmlu tajjeb ghall-*claim*. Xehed ukoll illi l-atturi kienu offrewlhom Lm4,000 *in full and final settlement* liema somma giet rifjutata mill-istess atturi.

“Joseph Zammit, espert tekniku nominat mill-Magistrat Inkwerenti wara s-sejba tal-*parts* tal-vettura in kwistjoni, esebixxa r-rapport tieghu u xehed illi meta pprova l-i*steering lock* permezz ta' cavetta provduta mill-attur din ffunzjonat regolarment. Xehed ukoll illi l-istess cwievet fethu wkoll u ghalqu l-*locks* tal-bibien u l-*ignition switch*. L-istess xhud jghid li fir-rapport tieghu hu kkonkluda li l-istess vettura setghet infethet u nstaqet bi proceduri normali u cioe` permezz ta' cavetta li taqbel mal-*locks* kollha.

“Xehed ukoll Brian Farrugia, rapprezentant ta' Michael Attard Limited, li fost affarijiet ohra qal li l-valur attwali tal-vettura odjerna huwa ta' Lm9,800. Xehed ukoll illi c-cavetta tal-vettura in kwistjoni hija partikolari ghal dik il-karozza.

“Giet ipprezentata wkoll vera kopja tax-xhieda li ta Brian Vella fil-proceduri kriminali kontrih fejn xehed li kien avvicinah certu Gerald li kien qallu li sid tal-vettura in kwistjoni ried izarmaha peress li kienet qalghet daqqa fil-genb tax-xellug taghha. Spjega wkoll illi l-istess vettura kien saqha lejn il-*garage* l-imsemmi Gerald. Brian Vella xehed li lill-attur ma jafux u li qatt ma kellmu.

**“Konsiderazzjonijiet**

“Illi s-socjeta` konvenuta eccepiet li l-kuntratt ta' assigurazzjoni *de quo* huwa null u minghajr effett stante illi l-atturi ma zvelawx fatti materjali a riskju tal-kuntratt tal-

assigurazzjoni u li l-allegata serqa ghandha tigi ppruvata. Inoltre l-ammont indikat bhala valur tal-vettura allegatament misruqa huwa esagerat u ma jirriflettix il-valur reali tal-istess vettura.

“L-atturi kull ma kellhom jippruvaw f’din il-kawza kien li kellhom polza valida ta’ assigurazzjoni li tkopri s-serq tal-vettura. Haga li fil-fehma tal-Qorti huma ghamluha. Min-naha l-ohra, is-socjeta` konvenuta kellha tipprova dak li qed tallega cioe` l-koinvolgiment tal-konjugi Xuereb fis-serqa in kwistjoni.

“Illi l-punt ewlieni li jrid jigi deciz huwa jekk verament sehhitx din l-allegata serqa tal-vettura in kwistjoni jew le. Illi ghalhekk il-Qorti trid tezamina bir-reqqa l-fatti kollha li taw lok ghal din il-pendenza biex ikollha l-konvinciment li tirrikjedi l-ligi biex tiddeciedi dwar it-talba attrici.

“Illi l-verzjoni tal-atturi hija wahda cara u semplici u cioe` li huma pparkjaw il-vettura *de quo* fl-inhawi ta’ Dar il-Mediterran u meta rritornaw ma sabuhiex hemm. Min-naha taghha s-socjeta` konvenuta ma accettatx il-*claim* li ghamlu l-atturi peress li kienu ghaddejjin proceduri kriminali kontra certu Brian Vella li nstab fil-pussess ta’ bicciet mill-vettura *de quo*, liema bicciet huwa stqarr li kienu gew zarmati minn fuq vettura Peugeot 806 ta’ kulur ahmar li kienet giet misjuqa gewwa l-*garage* tieghu minn certu Gerald. Skond Vella dan Gerald kien qallu li sid il-vettura ried izarmaha peress li kellha daqqa fuq il-genb tax-xellug.

“Illi jirrizulta wkoll mix-xhieda ta’ Brian Vella illi l-istess vettura nstaqet fil-*garage* fejn giet zarmata u ma rrizulta l-ebda tip ta’ sgass fuq il-bibien kollha taghha. Illi ghalhekk jirrizulta illi l-vettura instaqet minn fuq il-post bic-cavetta. Illi l-attur xehed illi c-cavetta kellha *central locking* u kienet bir-*remote*. Ir-rapprezentant ta’ Michael Attard Limited, u cioe` l-Kumpanija li bieghet din il-vettura lill-attur, xehed illi jekk klijent jitlef ic-cavetta biex tigi ordnata ohra l-istess klijent irid imur ghandhom bil-*log book* u l-*ID Card*. Dik ic-cavetta hija partikolari ghal dik il-karozza.

“Illi mill-apprezzament tal-provi kollha prodotti f’din il-kawza din il-Qorti hija tal-fehma illi c-cirkostanzi kollha jindikaw li hemm probabbilita` kbira (li hi sufficjenti fil-kamp civili) illi l-allegata serqa ma kienet xejn hlief *messa in scena* biex proprju l-atturi jiddefradaw lis-socjeta` konvenuta u jinkassaw l-ammont li deherilhom li kienet tiswa l-vettura. Illi din il-Qorti ma tarax ghaliex m’ghandhiex taghti affidibilita` lil Brian Vella li kien konsistenti fix-xhieda tieghu kemm fl-interrogazzjoni tal-Pulizija, kemm fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kif ukoll quddiem din il-Qorti. Illi huwa minnu li la darba ssemmiet terza persuna dan seta’ gie rintraccat mill-Pulizija, haga li jidher li ma sartix, pero` b’daqshekk ma jfissirx li din il-Qorti ma tistax toqghod fuq il-verzjoni li tah Brian Vella meta c-cirkostanzi kollha jindikaw illi l-istess vettura ma kellha l-ebda tbaghbis la fil-*locks* u lanqas fl-*ignition switch* taghha u li l-vettura spiccat misjuqa bic-cavetta fil-*garage* fejn kien se jahdem Vella, li giet misjuqa minnhu bic-cavetta u li c-cavetta tal-istess karozza (u l-*ispare key*) baqghu ghand l-attur u li dan imbaghad ghaddihom lil assigurazzjoni.

“Mhux kontrovers illi l-kuntratt ta’ assigurazzjoni huwa wiehed aleatorju in kwantu kif jinghad fl-Artikolu 964, Kodici Civili, dan jiddependi minn avveniment incert jew minn kontingenza. Dan riferibilment ghall-qliegh jew it-telf, ghaz-zewg partijiet jew ghal wahda minnhom. Ghalhekk jekk ma jkunx hemm l-*alea* jonqos l-element principali ta’ dan il-kuntratt. (Ara “**Joseph Micallef nomine –v.- Roman Vella**”, Qorti Civili, Prim Awla, 6 ta’ April 1973). Huwa kuntratt li jitqies validu meta jkun hemm il-“*consensus ad idem*” tal-partijiet (“**Lina Zerafa nomine –v.- Avv. Joseph Fenech nomine**”, Qorti tal-Kummerc, 30 ta’ Mejju 1980). Pero`, aktar minn kuntratti ohra, hu distingwibbli ghal fatt illi sostrat primarju tieghu huwa l-“*uberrima fides*”. (Ara “**Michael Bertuello –v.- Victor Cordina proprio et nomine**”, Appell Kummercjali, 11 ta’ Lulju 1994).

“Illi l-fatt li l-atturi ppruvaw iqarrqu bis-socjeta` konvenuta jpoggihom fi stat ta’ *mala fede* u ghalhekk is-socjeta` konvenuta kellha ragun ma tonorax il-*claim* imressqa mill-

atturi. Illi huwa accettat bhala principju ewlieni ta' dritt, li l-qofol tal-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa dak li jhares lill-assigurat mir-riskji ta' grajjiet mhux mahsuba li jsehhu bi hsara ghall-istess assigurat. Illi fil-kaz in dizamina l-Qorti hija konvinta li kienu l-istess atturi jew min minnhom li kkonfezzjonaw id-dannu reklamat minnhom. Illi ghalhekk certament ma jistghux issa jippretendu li s-socjeta` konvenuta tindennizahom tat-telf li gabu b'idejhom stess.

"Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni imressqa mis-socjeta` konvenuta din il-Qorti hija tal-fehma illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni *de quo* kien wiehed validu stante li ma rrizulta minn imkien li l-atturi ma zvelawx xi fatti materjali a riskju tal-kuntratt ta' assigurazzjoni. Certament fil-mument li gie ffirmat l-istess kuntratt u kif ukoll meta sar it-tigdid tieghu ma kien hemm l-ebda fatt li gie ppruvat li nheba da parti tal-atturi lis-socjeta` konvenuta. Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni l-Qorti hija tal-fehma illi l-atturi ma ppruvawx sodisfacentement li l-allegata serqa verament sehhet u ghaldaqstant ma hemm l-ebda htiega li din il-Qorti taghmel indagni dwar il-valur reali tal-istess vettura. "

**L-appell tal-atturi.**

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fil-15 ta' April, 2008 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti taghha fejn cahdet l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta appellata, thassar u tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza appellata fejn hija laqghet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u per konsegwenza cahdet it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez kollha ghall-atturi appellanti u konsegwentement tilqa' t-talbiet kollha attrici u tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta appellata u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

Is-socjeta` konvenuta appellata pprezentat risposta (in data 12 ta' Mejju 2008) ghar-rikors tal-appell tal-atturi fejn,

filwaqt li stqarret li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, talbet, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, li l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**Ikkunsidrat:**

L-atturi huma proprjetarji ta' vettura tal-Marka Peugoet bin-numru ta' registrazzjoni DAD-272. Din hija vettura '*up market*', kif jistqarr ir-rapprezentant tas-socjeta` li timporta l-istess tip ta' vetturi. L-atturi jallegaw li fit-30 ta' April, 2000 huma pparkjaw l-istess vettura fl-inhawi ta' Sant'Iermu l-Belt u marru passiggata madwar il-Belt, biss meta marru lura ghall-karozza din ma kienitx ghadha fejn hallewha. Huma rraportaw is-serqa fl-ghassa tal-pulizija tal-Belt, u wara ghamlu rapport mas-socjeta` assiguratrici. Xi zmien wara li giet rapportata s-serqa din il-vettura nstabet ghand tal-Grazzja Garage fejn kienet giet imqatta bicciet, presumibilment biex il-*parts* jintuzaw ghal skopijiet ohra. Ittiehdu proceduri kontra certu Brian Vella, fliema proceduri gie mahtur l-espert tekniku Joseph Zammit.

Is-socjeta` assiguratrici Middlesea Insurance qed tirrifjuta li tikkumpensa lill-assigurat taghha billi ssostni li, fl-ewwel lok il-polza hija nulla stante li l-atturi ma zvelawx fatti materjali a riskju tal-kuntratt *de quo;* fit-tieni lok issostni li trid tigi pruvata l-allegata serqa; u finalment li, fi kwalunkwe kaz l-ammont indikat bhala valur tal-vettura huwa esagerat. Fir-rigward ta' din l-ahhar eccezzjoni jigi rilevat li fit-talba attrici ma jissemma' ebda valur u dan qed jithalla fl-arbitrju tal-Qorti.

L-ewwel Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni, biss waslet ghal konkluzjoni li *"l-atturi ma ppruvawx sodisfacjentement li l-allegata serqa verament sehhet"* u konsegwentement cahdet it-talbiet attrici.

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti l-appell intavolat mill-atturi huwa indirizzat lejn l-akkoljiment tat-tieni eccezzjoni billi dawn hassuhom aggravati minhabba

l-fatt li tali decizjoni hija rizultat ta’ apprezzament hazin tal-provi prodotti. Bazikament qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti, skorrettament, tat affidament lix-xhieda ta’ Brian Vella meta din ix-xhieda ma kellhiex twassal ghall-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti.

Issa mill-provi jirrizulta li fid-data msemmija fic-citazzjoni, l-atturi effettivament sabu nieqsa l-vettura taghhom wara li kienu pparkjawha f’tarf il-Belt, Valletta. Huma, kif soltu jsir, ghamlu rapport lill-Pulizija kif ukoll lis-socjeta` assiguratrici li kienet tkopri l-vettura. Jidher li min-naha tas-socjeta` konvenuta ma tressqux provi u l-unici persuni konnessi mal-assigurazzjoni, u cioe` John Bonnici u Melanie Camilleri, tressqu mill-istess atturi. Din tal-ahhar biex tindika l-valur tal-vettura in kwistjoni, u Bonnici biex jixhed fuq il-*claim* li kienet saret lilu billi hu, bhala rapprezentant tas-socjeta` Bonnici Insurance, kien agent tas-socjeta` konvenuta. Jirrizulta minn dawn iz-zewg persuni li s-socjeta` konvenuta ma kienitx hallset billi kienet qed tistenna l-ezitu tal-proceduri kriminali li kienu ittiehdu kontra Brian Vella.

In prim istanza xehedu mhux biss membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu involuti fil-kaz, izda xehed ukoll l-espert tekniku Joseph Zammit kif ukoll s-*sales manager* tas-socjeta` Michael Attard Ltd, li timporta din it-tip ta’ vettura.

L-ewwel Qorti jidher li waslet ghal konkluzjoni li ma sehhitx serqa billi sostniet *“Illi mill-apprezzament tal-provi kollha prodotti f’din il-kawza din il-Qorti hija tal-fehma illi c-cirkostanzi kollha jindikaw li hemm probabbilita` kbira (li hi sufficjenti fil-kamp civili) illi l-allegata serqa ma kienet xejn hlief messa in scena biex proprju l-atturi jiddefrawdaw lis-socjeta` konvenuta u jinkassaw l-ammont li deherilhom li kienet tiswa l-vettura.”* Dik il-Qorti kompliet hekk: *“Illi din il-Qorti ma tarax ghaliex m’ghandhiex taghti affidabbilita` lil Brian Vella li kien konsistenti fix-xhieda* [recte: xiehda] *tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kif ukoll quddiem din il-Qorti. Illi huwa minnu li la darba ssemmiet terza persuna dan seta’ gie rintraccjat mill-Pulizija, haga li jidher li ma saritx, pero` b’daqshekk ma jfissirx li din il-Qorti ma tistax toqghod fuq il-verzjoni li tah Brian Vella meta c-*

*cirkostanzi kollha jindikaw illi l-istess vettura ma kellha l-ebda tbaghbis la fil-locks u lanqas fl-ignition switch taghha u li l-vettura spiccat misjuqa bic-cavetta fil-garage fejn kien se jahdem Vella, li giet misjuqa minnu bic-cavetta u li c-cavetta tal-istess karozza (u l-ispare key) baqghu ghand l-attur u li dan imbaghad ghaddihom lill-assigurazzjoni."*

Donnu l-hsieb wara din il-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti kien li kien hemm xi forma ta' ftehim bejn l-atturi u dan Brian Vella biex il-vettura tittiehed fil-*garage* ta' Vella. Jekk dan kien hekk, certament l-atturi ma jistghux jirreklamaw kumpens minghand l-assigurazzjoni billi dan ma kienx ikun kopert bil-polza ta' assigurazzjoni apparti li jkun jammonta ghall-agir frawdolenti.

Din il-Qorti pero` ma tara ebda konnessjoni bejn l-atturi u Brian vella eccetto l-fatt li l-vettura taghhom ittiehdet fil-*garage* tieghu. Vella jinnega li kien jaf lill-atturi, u sahansitra l-persuna li allegatament gabitlu l-vettura qatt ma giet rintraccjata biex jigi kkonfermat dak li din qalet fil-konfront tal-atturi. Huwa minnu li, kif stabilixxa l-espert tekniku, ma rrizultax tbaghbis fl-i*gnition switch* jew fl-i*steering column*, pero` dan ma jfissirx necessarjament li l-atturi taw c-cavetta lil xi hadd biex jsuqha ghand Vella. Infatti filwaqt li Brian Farrugia, rapprezentant tas-socjeta` Michael Attard Ltd, xehed li din il-vettura hija wahda '*high end*' cioe` kellha hafna *extras,* mistoqsi mid-difensur tas-socjeta` konvenuta dwar is-sigurta` taghha xhed hekk: *"Bhala security systems, din il-karozza ma kellhiex alarm, ma kienx standard li alarm jigi ma' din il-karozza u kien hemm steering lock li kien jigi standard. Ic-cavetta kienet bir-remote control u m'inix cert jekk din kellhiex immobiliser fin-1996. L-immobiliser iservi biex jekk persuna jipprova jqabbel cavetta, l-karozza ma tistartjax pero` llum saru jsibu tarf ta' kollox."* Dan l-ahhar kumment tax-xhud Farrugia, li gie sottolineat minn din il-Qorti, ghandu rilevanza kbira fid-determinazzjoni ta' din il-vertenza. Dan ix-xhud, li hu addett mas-*sales department* tas-socjeta` venditrici u bhala tali certament ghandu esperjenza fuq vetturi, jenfasizza, ghalkemm ma giex mistoqsi jaghmel dan, li bil-mezzi tas-sigurta` kollha ezistenti, xorta wahda hemm nies li huma kapaci

jissorvolaw dawn l-prekawzjonijiet ghal finijiet ta’ serqa. Dan id-dubju, marbut mal-fatt li l-atturi kienu fil-pussess tac-cwievet kollha tal-vettura, liema cwievet gew ikkonsenjati lis-socjeta` assiguratrici, jwassal lil din il-Qorti ghal konvinciment morali li effettivament l-atturi ma kienux involuti fis-serqa tal-vettura in kwistjoni u li konsegwentement it-talba ghar-rizarciment minnhom maghmula lis-socjeta` konvenuta, kienet gustifikata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-atturi qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi revokata u minflok qed jintlaqghu l-ewwel tliet talbiet attrici, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` konvenuta appellata. Billi fic-cirkostanzi jehtieg li jigi likwidat l-ammont ta’ kumpens dovut lill-atturi ghall-fini tar-raba’ u hames talba, l-atti ta’ din il-kawza qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tghaddi biex tillikwida l-valur tal-vettura tal-atturi u dan a tenur tar-raba’ talba attrici, kif ukoll tghaddi biex tipprovdi dwar il-hames talba attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------